**Vinċenzu Busuttil 1859 — 1922**

Ħamsin sena ilu miet is-Sur Vinċenz Busuttil, kittieb prolifiku u popolari li ħadem ħafna biex ixerred it-tagħlim bil-Malti fost il-poplu. B'tifkira tiegħu qed nippublikaw din il-poeżija dwar ħajtu miktuba minn ibnu, il-Kaptan E.D. Busuttil.

ROYAL ... MAIN LIBR...

# B'Tifkira ta' għeluq il-ħamsin sena tal-mewt ta' l-għażiż missieri

# ĊENSU BUSUTTIL

**WIEĦED MILL-EWLENIN POETI U KITTIEBA TA' L-ILSIEN MALTI**
**2-4-1859 — 23-3-1922**

Is-Sena 1859.

Ġewwa dar fil-Belt Valletta
fit-tnejn sewwa ta' April
f'din is-sena msemmija
twieled **Ċensu Busuttil.**

Ma ħuħ ieħor twieled tewmi
l-ieħor iżda malajr mar
għalhekk Ċensu baqa' waħdu
ma' żewġ bniet l-għaxqa tad-dar.

Minn ċkunitu Ċensu wera
ħrara kbira għat-tagħlim
u din il-ħrara baqgħet sejra
f'ħajtu kollha sa l-irdim.

Is-sena 1873.

Sew fis-sena elf tmien mija
kif ukoll tlieta w sebgħin
meta Ċensu beda jgħallem
erbatax dan kellu snin.

Ċensu għallem kollu ħrara
kompla huwa wkoll jitgħallem
u dan għamlu bl-akbar ħerqa
sa kemm kien sewwa mgħallem.

Is-sena 1881.

Biss ta' tnejn u għoxrin sena
l-ewwel kien fost il-Maltin
li mibgħut ġo l-Ingilterra
biex jistudja għal tliet snin

Fil-Kuleġġ kbir ta' St. Mary
f'Hammersmith ftit bogħod mill-belt
Ċensu studja w ġie l-ewwel
f'kull suġġett ba ebda għelt.

Is-sena 1884.

Wara li ħa l-ewwel Diploma
tat-tagħlim Ċensu ġie lura
ġo Ħal-Lija Birgu l-Isla
kien igħallem il-kultura.

Fiż-żmien li kien hemm jgħallem
mill-Gvern Ċensu kien mitlub
ħa jirranġa l-ilsien Malti
biex bil-ħeffa jkun miktub

u biex eħfef ikun aktar
għat-tagħlim ta' kull ilsien
bla tfixkil u bla tbatija
u bla ebda telf ta' żmien.

Għal dan l-għan Ċensu bil-ħerqa
għamel ħiltu bla mistrieħ
u sa fl-aħħar irnexxielu
u ta' dan raddewlu ġieħ.

Fost il-kotba ta' li studju
dizzjunarji sbieħ u kbar
mimlijin fraseoloġija
għat-tagħlim tal-kbar u ż-żgħar.

Is-sena 1902.

F'din is-sena kif hawn jidher
l-għażiż Ċensu ġie maħtur
biex ma' jeħor li kien qablu
imur jagħmilha ta' Spettur.

Bħala wieħed mill-poeti
u kittieb ta' dak iż-żmien
dejjem wieħed minn ta' l-ewwel
mecjus sewwa huwa kien

Bi żmien ilsna barra tagħna
kien jitkellem hu kurrent
billi dawna għalih kienu
żieca tajba għat-talent.

Ma' l-ilsien ħelu minn tagħna
it-Taljan Franċiż Ingliż
Latin Spanjol u Għarbi
studja r-Russu w l-Ġappuniż.

Barra li l-għażiż missieri
kien poeta w lingwista
lessikografu w kittieb
kien ukoll kbir folklorista.

Il-gazzetti kollha tagħna
kif ukoll tal-barranin
faħħruh bosta w bosta drabi
ma' tul ħajtu f'ħafna snin.

Għal l-għerf tiegħu kien imsemmi
fost in-nies ta' dak iż-żmien
bħala poeta w kittieb tajjeb
u magħruf fost kollha l-flien.

Ċensu ħadem mingħajr heda
bix-xogħol ġarrab bosta mard
imma x-xogħol għalih kien balzmu
u mix-xewk ħareġ ħafna ward.

Is-sena 1920.

Sa dis-sena baqa' jaħdem
sa sittin u kważi tnejn
meta ħareġ bil-pensjoni
għaliex saħtu sfat fix-xejn.

Is-sena 1921.

Iżda Ċensu kien ħabrieki
w ried joħroġ deputat
ma' l-ewwel Kostituzzjoni
li l-art ħelwa tagħna rat.

Fil-partit minn tal-ħaddiema
huwa għażel biex imur
minn ta' l-ewwel deputati
Ċensu kien wieħed maħtur.

Is-sena 1922.

Iżda sitt xhur sewwa wara
Missieri għeja miskin miet
u bħal leħħa minn ta' berqa
l-aħbar kiefra malajr ġriet.

Minn kull post ta' Malta u Għawdex
ġew in-nies fi qtajja kbar
biex iqimu lill missieri
kif kien għadu hemm id-dar

Funeral kellu mill-akbar
għax missieri kien maħbub
għal qalb tajba kien imsemmi
b'għemilu farraġ ħafna qlub.

Il-faldrappa żammewhielu
il-Ministri w il-kbarat
kulħadd bagħat rappreżentanti
w kotra kbira fit-trieqat.

Issa xejn ma baqa' nagħmlu
ħlief niftakru ilkoll fih
u nitolbu lil KBIR ALLA
biex jagħtih l-etern mistrieħ.

**E.D. Busuttil.**